MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF
MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-2 ta' Mejju, 2012

Appell Kriminali Numru. 345/2010

**Il-Pulizija
Vs
Malcolm Scerri**

Il-Qorti,
Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Nhar it-8 ta' April 2008 ghal habta tal-9.55 a.m. gewwa Triq l-Imdina, Qormi, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b'nuqqas tat-tharis tar-regolamenti tat-traffiku, ikkaguna griehi ta' natura gravi fil-gisem jew fis-sahha fuq il-persuna ta' Anthony Gauci, skond kif iccertifikat Dr. Karen Sammut.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-15 ta' Lulju, 2010 fejn sabithu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu u wara li kkonsidrat dak li dehrilha li ghandha tikkonsidra, wkoll kull element mitiganti li ghandu jibbenefika l-imputat, rat l-Artikolu 225,

226(1)(a), 218(1)(a)(b) tal-Kap 9 u ikkundannatu tlett t'elef Ewro multa.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-23 ta' Lulju, 2010 fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti tilqa` l-appell billi thassa, tannulla u tikkancella s-sentenza ta' l-ewwel Qorti tal-15 ta' Lulju, 2010 billi u ghar-ragunijiet msemmija fl-appell tieghu tilliberah minn kull imputazzjoni htija u piena, salv dak li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti w cioe':-

1. Fl-ewwel lok, il-Qorti riedet tistabbilixxi jekk kienx hemm responsabilita` kriminali fuq l-appellant a tenur ta' l-akkuza li ngabet quddiemu. L-appellant kien akkuzat bi traskuragni fis-sewqan. Mill-provi kollha prodotti mill-prosekuzzjoni kien hemm prova wahda biss li setghet b'xi mod titfa htija ta' traskuragni fuq l-appellant u cioe ir-relazzjoni tal-inginjier Joseph Zammit li fir-relazjoni tieghu irrimarka li l-breakijiet tal-vettura ma kienux jorbtu sew u li t-tyers kienu lixxi. Fil-fatt l-ewwel Qorti ghamelt bhala bazi ghas-sentenza taghha propju din il-prova. Madanakollu l-ewwel Qorti nsiet il-fatt illi l-appellant, fl-istadju tal-provi tieghu u precizament meta kien qed jixhed minn jeddu quddiem il-Qorti, ipprezenta certifikat tal-VRT. Dan ic-certifikat kien ghadu validu billi kien sar biss xi ftit xhur qabel. Dan ic-certifikat tal-VRT huwa l-aqwa prova illi l-appellant qabel ma pogga l-vettura fit-triq, ghamillha dak it-test opportun biex jigi stabbilit hekk il-vettura kienetx jew le tajba ghat-triq. B'certifikat ufficjali li l-vettura li kien qed isuq kienet tilhaq ir-rekwiziti kollha tal-ligi biex tkun tajba fit-triq u ghalhekk tezumih minn responsabilita` fuq il-vettura. L-appellant ma setghax jiehu aktar prekawzjonijiet milli kien ha bic-certifikat tal-VRT biex jassigura ruhu li l-vettura kienet tajba fit-triq. Il-Qorti injorat ghal kollox dan ic-certifikat u kwindi naqset milli tevalwa prova importanti hafna sabiex tiskolpa lill-appellant minn kull imputazzjoni u piena skond l-akkuza kif dedotta.

2. Ghaldaqstant l-ewwel Qorti kellha tghaddi sabiex tikkunsidra id-dinamika ta' l-incident u kwindi min

ikkaguna tali incident. Kien l-appellant li kkagunah jew l-istess vittma Anthony Gauci li qasam triq traffikuza hafna, bla ma ta kaz tal-vetturi li kienu gejjin u kwindi seta kien ta’ periklu ghall-istess sewwieqa u fuq kollox ma uzax il-pelican lights li hemm ftit l-isfe; mill-punt fejn qasam. Mill-analizi teknika tal-Perit Arkitett Mario Cassar jidher car daqs il-kristall li l-vittma kellu opportunita li jaqsam minn fuq zebra crossing bid-dwal. Pelican lights kienu jaghtuh aktar sigurta fil-mod kif qasam it-triq u ma kienx ikun ta’ perikolu ghal-hadd. Hija umli fehma tal-appellant li l-vittma kellu l-obbligu li jaqsam bil-galbu u b’attenzjoni billi josserva l-ligijiet u jaqsam minn fuq pelican lights li kienu biss xi 2 metri iktar l-isfel minn fejn qasam. Hija l-fehma ta’ l-appellant li l-incident ikkagunah l-istess vittma li qasam minn punt fejn sewwieq medju ma jkunx qed jistenna li xi hadd jaghmel dik il-manuvra inkoxxjenti! Fix-xhieda teighu l-appellant kien skjett u car u qal li lill-vittma rah jaqsam tul ta’ 2 karozzi cirka. Distanza li zgur ma tippremettix ibbreakjar f’daqqa. Tul ta’ zewg karozzi forsi ilahhqu t-tul ta’ 9 metri. Karozza li ghaddejja b’ velocita ta’ 30 mil fis-siegha, li hija velocita hadna inqas mill-limitu stabbilit f’dik it-triq fi zmien ta’ l-incident, ikollha distanza ta’ breajkjar ta’23 metru, b’ 9 metri biss jintuzaw sakemm is-sewwieq jirreagixxi u jaghfas il-breakijiet. Anki li kieku l-vettura kella berakijiet godda u tyres godda, xorta l-incident kien isehh. Biex ma kienx isehh l-incident il-vettura ta’ l-appelant ried ikollha brejkijiet magici li jivjiolaw ir-regoli tal-fizika billi jwaqqfu l-karozza instantnanjament. Dan ghaliex il-vittma hareg ghan-nofs bla kont u bi traskuragni kbira.

3. Il-modalita ta’ kif sehh l-incident kienet iffilmjata minn camera tas-sigurta li kienet fiz-zona u uriet bl-aktar mod car li l-vittma kien qed jaqsam minn punt perikoluz hafna fejn il-ligi ma tippermettix li jsir qsim ta’ dik it-triq u fuq kollox il-filmat ixejnu l-verzjoni ta’ l-istess vittma. Fil-fatt fix-xhieda teighu il-vittma qal li intlaqghat mill-vettura ta’ l-appellat hu u kien ser jaqbez il-guardrail. Apparti l-fatt li l-vittma ghazel li jaqsam minn punt fejn hemm guardrail ikompli jitfa piz fuq id-decizjoni tieghu zbaljata li jaqsam minn dak il-punt bla ma qies il-perikolozita`ta’ dik l-azzjoni, il-filmat u r-ritratti juru li l-vittma intlaqghat qabel ma qabad il-karregjata ta’ barra. Dan il-fatt ma jaghtix ghalhekk

kredibilita` lill-vittma li pprova jiggustifika l-azzjoni teighu billi jivvinta verzjoni li setghet tefghet aktar dawl ikrah u kolpa fuq l-appellant. Fil-fatt irrizulta mill-provi li l-istess vittma ma kienx jista jimxi sew minhabba l-età tieghu u kwindi l-fatt li ma setghax jigri biex jaqsam kompla zied il-periukolozita ta' l-azzjoni teighu. Dan kollu kien mholli barra mill-Ewwel Qorti fil-konsiderazzjonijiet li ghamlet u fid-decizjoni li hadet. Minkejja li l-Qorti ghamlet referenza ghall-pjanti tal-perit Mario Cassar naqset tinnota l-fatt li fil-vicin hemm pelican lights li setghu intuzaw mill-vittma u l-incident ma kienx isehh.

Ikkunsidrat,

Irrizulta mill-provi illi fit-8 ta' April, 2008 ghall-habta ta' l-ghaxra ta' filghodu l-appellant Malcolm Scerri kien qed isuq vettura Peugeot 405 bin-numru IAR 446 go Mdina Road, Hal-Qormi. F'xi hin Anthony Gauci ta' 64 qasam minn naha tal-bus stop minn fuq ix-xellug lejn il-lemin u dana gie investit mill-appellant u Gauci sofra l-feriti ta' matura gravi.

L-appellant jghid illi kien qed isuq fuq l-outer lane b'velocita` ta' madwar 45/50 kph u sab lil parti leza ma wiccu. Dan ta' l-ahhar qasam mill-aktar parti perikoluza, tant li fid-direzzjoni fejn kien sejjer mas-centre strip kien hemm crash barrier u kien meta wasal vicin dan il-crash barrier illi tintlaqat.

L-appellant jallega li l-incident gara tort tal-parti leza illi pogga ruhu f'sitwazzjoni perikoluza u kkrea emergenza subutanja ghall-appellant.

Ikkunsidrat :

Wara li l-Qorti ezaminat l-atti, rat il-provi ssib illi ma tistax tikkondividi l-argument ta' l-appellant illi dan l-incident kien tort tal-parti leza li kkrea emergenza subutanja ghall-istess appellant.

Jibda biex jinghad illi l-vettura li kien qed juza l-appellant ma kienitx tajba biex tintuza fit-triq.

Ir-relazzjoni tal-espert tekniku Joseph Zammit [fol. 50] jghid li l-brake marks illi halliet il-karozza tal-appellant ma kienux ugwali fis-sens li r-rota tax-xellug ma kienitx qed torbot l-istess bhal tal-lemin. Fil-fatt il-brejkijiet ma kienux jorbtu sew *"il-vettura kienet qed tintuza fit-triq mhux fi stat daqstant tajjeb billi anki s-sistema tal-clutch taghha ma kienx qed dejjem jahdem." L-esponent sab ukoll li t-tyres tan-naha tax-xellug ma kienx tajjeb biex jintuza fit-triq peress illi kien lixx hafna ..... Instab li dejjem meta l-brejkijiet gew applikati dawna qatt ma hadmu tajjeb ...... fuq wara ma nstab li kien hemm ebda brejk effettiv. L-anqas ma kienet effettiva l-hand brake system. Il-vettura waqt l-incident u minn qabel kienet qed tintuza b'dawn id-difetti kollha imsemmija. Ghaldaqstant din il-vettura fil-kondizzjoni li tinsab ma tistax u mhijiex tajba biex tintuza fit-triq."*

Kwindi sa dan l-istadju l-appellant kien tiga` pogga ruhu f'sitwazzjoni illi kieku kien se jkollu xi emergenza ma kienx se jkun kapaci jevita din l-emergenza imhabba id-difetti li kien fiha l-karozza tieghu.

Quddiem il-Qorti, l-appellant qal [fol. 102] illi ra lil parti leza jaqsam. Kien qed isuq mas-centre strip u ma setax jevitah, minkejja illi kien qed isuq b'velocita` ridotta ta' 45/50 kph.

Quddiem il-Pulizija fl-istqarrija a fol.86 jghid illi malli lemah lil parti leza ibbrejka izda ma setax jevita li jolqtu.

Ghal dak illi huwa l-aspett legali l-Qorti tirikorri ghall-awtur Mario Codagnone li fil-ktieb tieghu *"Casi Pratici in Materia di Circolazione Stradali"* a fol. 51 jghid :*"riteniamo che allo stato attuale delle cose si imponga inanzi tutto un affermazione di principio; la strada e di tutti.*
*Essa e un bene al cui utenza i cittadini tutti sono ammessi con parita di diritti e di doveri ed oseremo anzi dire con maggori doveri da parti di coloro che la dominano alla guida di mezzi che, per le loro intrinzite caratteristice di*

*veloctia e potenza, possono costiuire, anche solo per questo, un iminente pericolo per la circolazione,”*

Dan ifisser kwindi illi filwaqt illi kulhadd ghandu dritt illi jkun fit-triq min qed isuq karozza ghandu aktar doveri biex joqghod attent u jzomm “a proper lookout” ghax il-mezz illi jkun qed isuq jista` jikkostitwixxi periklu ghal min ikun qieghed innocentement fit-triq.

Veru illi ma rrizultax illi l-appellant kien qed isuq b’xi velocita` eccessiva, anzi l-velocita` ddikjarata ta’ 60 kilometru fis-siegha hija pjuttost kontenuta u baxxa anki ghal dik il-parti tat-triq fejn gara l-incident. Pero` xorta b’daqshekk ma jfissirx illi ghandu jigi skolpat milli juza dik l-attenzjoni sabiex ikun jista` jevita emergenza li tkun svolgiet quddiem.

Fil-kawza Pulizija vs Formosa [XL111 part 1V page 1023] il-Qorti qalet : *“ il-fatt li driver ikun qieghed isuq bi speed moderat u jinvesti persuna, li tkun fi triq, jekk minn naha wahda jiskupah b’responsabilita` minhabba l-fattur ta’ speed zejjed, minn naha l-ohra dak l-istess speed moderat kien imissu qieghed fi grad li jista jara lil dik il-persuna “ a tempo”, biex jista` jew izomm tempestivament, jew jesperimenta xi manuvra ohra ta’ evasjoni effikaci.”*

Minkejja illi l-appellant seta` kien qed isuq bi speed moderat id-difetti illi kellha l-karozza kienu tali illi ma setax jzomm tempestivament u jevita incident. La darba l-appellant ghazel li jkun fi triq f’karozza bi brejkijiet diffettuzi u di piu b’tyres lixxi allura ghandu jerfa` r-responsabbilita shiha jekk ma kienx f’posizzjoni illi jevita incident meta dina svolgiet quddiemu.

La darba l-appellant ra lil parti leza qed taqsam quddiemu b’velocita` ta’ 50 kilometri fis-siegha go karozza “road worthy” ma kien hemm l-ebda raguni l-ghaliex ma kellux jevitah.

L--appellant pogga ruhu f’”self inflicted incapacity” u seta` facilment jipprevedi li b’karozza difettuza ma kienx ikun

kapaci jirriagixxi tempestivament ghal xi emergenza li tinqala quddiemu. Din is-stiwazzjoni tpoggi lill-appellant nettament fis-sanzjoni ta' sewqan traskurat u perikoluz u l-Ewwel Qorti kellha raguni sabiex issib htija fl-appellant.

Hu principju stabbilit fil-gurisprudenza tal-Qorti tal-Appell kriminali li ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-qorti setghet ragjonevolment u legalament tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor il-Qorti tal-Appell Kriminali ma jirrimpjazzax id-deskrizzjoni fl-apprezzament tal-provi esercitata mill-Ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienitx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha.

Din il-Qorti ghamel dan l-apprezzament approfondit u ssib illi l-Ewwel Qorti kienet ferm ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta` u tiddeciedi li tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------